# ROŻI U T-*TALKIES*

Kien nhar ta' Hadd. Fis-sqaq fejn kienet toqgħod Rożi, qabda nisa bil-qiegħda fuq l-egħtiebi kienu qegħdin jilgħabu t-tombla. Għalxejn il-knisja kienet ilha ddoqq siegħa sħiħa, Rożi u l-ġirien linqas ħsieb: il-knisja il-quddiesa biss tikkmanda nhar ta' Hadd, u mismugħa l-aħħar waħda, ħażin ħażin, il-ġurnata kienet kollha tagħhom. Fl-aħħar xebgħu mit-tombla; kienu ilhom jilgħabu xi tliet sigħat, daharhom ma felaħx iżjed u ngabru madwar Rożi, iqasstu fuq dik u fuq din, fuq ilbies, fuq ikel u fuq il-ħwejjeġ kollha li jgħoddu għan-nisa, u minn xi daqqiet għar-rġiel ukoll. Il-kliem, igħidu bħaċ-ċirasa, u bla ma jafu kif, kliemhom waqa' fuq it-*talkies.*

Dawk in-nisa ma kinux sinjuri, il-kera dejjem sena lura, imma t-talkies imorrulek kuljum, u jridu jitkellmulek fuq xeni, fuq artisti, fuq mużika, fuq films li raw, għax dan iż-żmien kulħadd sar jifhem, kulħadd irid jikkritika.

Dak il-ħin Rożi xtaqet l-art tiblagħha; it-talkies ma kienet marret qatt, mhux għax, miskina, kieku ma xtaqetx tagħmel bħal ħaddieħor, għalkemm ma kinetx tifhem "yes" minn "no", imma għax ir-raġel għal dawn il-ħwejjeġ qatt ma kien ta wiċċ. Kull darba li l-kliem kien jaqa' fuq hekk, Rożi kienet titlaq baxx baxx, biex ma turix agħwarha. Marì, waħda mill-ġirien, kienet it-tendiet bil-marda ta' Rożi, u waħħlet f'moħħha li ġġagħlha tistqarr dak li Rożi kienet tagħmel kemm tista' biex taħbi. Malli ġiet ix-xoqqa f'moxtha, Marì qalet: —"Roż għidli ħaġa, taf li għadek qatt ma għedtilna int x'rajt it-talkies. Jewilla int qatt ma mort?" Kieku kienet tista' dak il-ħin lil Marì kienet tagħmilha bċejjeċ. Ħmaret ftit u mbagħad wieġbet: "Mhux għal xi ħaġa, imma ili ħafna biex ngħidilkom illi meta titkellmu fuq it-talkies xejn ma tagħtuni gost. Mhux billi tmorru l-knisja żżebbġu; kemm tisimgħu minn dak li jgħid il-kappillan; dawk il-ħwejjeġ jeħduna l-infern. Ma nafx kemm il-darba żewġi ried jeħodni, imma jiena qatt ma ridt; l-ewwel ruħi." Waqt li Rożi kienet qed tgħid da' l-kliem, ħsibijiet oħra kienu għaddejjin minn għaliha. Kemm kellha xi tgħidlu lil Karmnu la jiġi minn barra, kemm tgħajru li q'ed iżommha agħar minn ħaddieħor, kemm tiġġieled miegħu hekk ma jikkuntentahiex. Dak il-ħin rasha kienet qiegħda ddur biha,f'widnejha ma kinetx qed tisma' ħlief il-mixtieqa mużika tat-talkies, rasha kienet donnha raddiena, films, artisti, kollox kien qed idur magħha, u ġo widnejha ma kenitx qed tħoss ħlief żarżira waħda.

Bil-mod il-mod in-nisa warrbu, Rożi daħlet il ġewwa, qagħdet bilqiegħda,.b'idejha fuq żaqqha taħseb u thewden x'għandha

tgħid lil żewġha. Karmnu ma damx ma ġie; Rożi malajr marret tilqgħu u bilkemm laħaq daħal, li ma bdietx il-prietka. "Isma' Karm" qaltlu "int bi ħsiebek taqtagħli xewqti, jew sa tħallini inkun agħar min-nisa l-oħra. Il-ġirien dejjem jitkellmu fuq it-Talkies, u malli jibdew biex ma naqax għaċ-ċajt jiena jkolli nwarrab. Il-ġurnata taqlagħha aħjar minn żwieġ il-ġirien tagħna, dawn imorru kuljum u aħna qatt. Għal kapriċċi tiegħek, inbati jien. Moħħok dejjem fil-Marsa, fiż-żwiemel tat-trott u ta' lbit, u Virgandin tiela' u Bom nieżel, u daqqa sejjer għal tal-Karmnu u daqqa għal ta' Santu Rokku. Jien għalija mur kemm trid, affarik, imma rrid li teħodni t-talkies mill-aktar fis biex jien ukoll inkun nista' nitkellem.

Karmnu ħalla l-mara tħambaq, u mita dik ix-xita ta' kliem spiċċat billi kien jaf x'kienet il-mara tiegħu, "Roż" qallha "mela ma tafx li t-talkies jeħduk l-infern. Ma naħsibx li trid tmur fejn brejbes eh! xi tgħid? mela aħjar it-talkies ma tmur xejn."

Rożi stamtet, u ma weġbitx. Għaddew tmint ijiem, u l-Ħadd fil-għodu qalet lill-żewġha. "Karm, ara mill-paga li tajtni dil-ġimgħa, faddalt erbatax il-sold; ara issa jew il-lejla teħodni t-talkies, jew dritti ġo l-għalqa jmorru — "Karmnu sab ruħu marbut, u bejn għax ried jikkuntentaha, u bejn għax ma satax jagħmel ħaġa oħra, ta l-kelma.

Rożi ma kellhiex sabar; libset mis-sagħtejn, dieħla u ħierġa fil-bieb, biex forsi jarawha il-ġirien u jistaqsuha fejn sejra, tarġa' tmur quddiem il-mera, tirranġa xagħra, toqgħod bil-qiegħda, tqum, tarġa' toqgħod; xewqitha fl-aħħar kienet sa tiġi maqtugħa. Malli qorob il-ħin marru. Ma' ġenb il-bieb kien hemm erba' kartelluni kollha kuluri, Rożi resqet iktar ma ġenb żewġha u "Għandu ikun sabiħ" qaltlu, imma hu lanqas ta kas tagħha. Ħallsu u daħlu. Kienu minn ta' l-ewwel; bil-mod il-mod is-sala bdiet timtela', sa dat-tant kien hemm daqq ta' diski. Rożi mistagħġba tħares l'hemm u l'hawn, lejn il-gallarija ta' warajha; ma kienx hemm li jibda ħalli tara dawn in-nies kif jitkellmu minn fuq il-liżar.

Wara ftit id-dawl intefa u beda. Rożi b'kull għajn daqshiex, tħares ċass lejn il-liżar, lesta biex tisma' dak li sa jgħidu bħallikieku kienu sa jitkellmu bil-malti. L-ewwel biċċa tiġrija taż-żwiemel. Hawn trid tisma' il Rożi: "Rajt Karm, qatt ma ridt tiġi, dawn żwiemel jiġru, mela ta' Malta qishom ħafna ħmir", u Karmnu jieħu gost ta' mitt lira "Ara, ara dak" beda jgħid "x'jiġri, donnu l-Virgandin, ara l-ieħor qisu tal-Mosta, x'tiġrija fihom", iżda ħin bla waqt il-biċċa spiċċat. Beda d-dramm: l-istampi il Rożi bdew jagħmulha għanejha, palazzi suldati, kbarat, sinjuri, xebbiet, arjuplani, karrozzi; dak in-nhar Rożi rat affarijiet li ma rat qatt bħalhom. Il-pellikola kienet daqsxejn mibruxa, imma Rożi dak ħasbitu beraq, għalkemm bla ragħad u bla xita. Stagħġbet, għadha lanqas kienet taf

fejni qiegħda : Rożi ma setgħetx tifhem kif dawk in-nies minn fuq il-liżar kienu qegħdin jitkellmu, jidħku u jagħmlu il-ħsejjes sew sew bħalna. Mita ħarġet minn hemm ġew, kont tistħajjilha bħal mita S. Pawl niżel mit-tielet sema; kienet barra minnha innifsha, għoddha mibluha.

Marru d-dar, waqtiet baqgħet taħseb fuq dak li rat, kemm kien sabiħ; għalxejn ittantat toqgħod moħħha banda waħda, u jekk kienet tmur għajnha biha, x'ħolm: nies, palazzi, żwiemel, xebbiet, artisti, kollox taħwida waħda.

Waħħlet f'moħħha li tarġa' tmur, u marret: sewwa jgħidu li mara twaqqa' x-xitan wkoll, u żewġha billi kien ħa gost hu wkoll reġa' ħadha kemm-il-darba. Xtaqet li kieku lil-ġirien ma tgħidilhom xejn,għax kienet tiftakar f'dik is-sabiħa prietka li kienet għamlitilhom, imma x'iżżom? riedet turi x'taf u x'rat u malli ġie il-waqt ħallet ilsienha u bdiet tlablab u tgħid fuk dak kollu li rat f'dawk l-imberkin ta' talkies. Imma mal-ġemgħa kien hemm Marì, li malli Rożi kienet għoddha spiċċat' qaltilha : "Mela ma għadekx trid tmur il-ġenna, ma għadekx tisma' mill-kaqpillani ?" In-nisa kollha ħarsu lejn Rożi, igħidulek "rabtitilha l-kitla", imma din bla xejn ma ħmaret, qaltilha "Isma' inti kemm iżżommu kliemi? jiena il-ġenna għad irrid immur, u mill-kappillan għadni nisma' wkoll, meta kont ingħidilkom biex ma tmorrux talkies, jiġifieri talkies ħżiena, staqsu x'sejrin taraw, bħal ma nagħmel jiena, fhimt Marì? agħmel bħali, mur f'talkies tajbin."

Mur sib tarfhom dawn in-nisa.

Ġ. Pace